MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 549/2014

**Aussama Benwur u Mohamed Mohamed Khalifa Gherbel**

**Vs**

**Fadel Al Faham Muhsen u Raheem Yakoom Oroba**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fl-24 ta’ Gunju 2014, l-atturi ppremettew u talbu:-

*1. Illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi ghas-somma ta' erbgha u tletin elf euro (EUR 34,000); komprizi sebgha u ghoxrin elf euro (EUR 27,000) li huma dovuti lil Mohamed Khalifa Gherbel u disat elef euro (EUR 9,000) dovuti lil Aussama Benwur li flimkien jammontaw ghal sitta u tletin elf euro (EUR 36,000) filwaqt li elfejn euro (EUR 2,000) ghandhom jigu mnaqqsa stante li l-konvenut hallas dan l-ammont;*

*2. Illi l-konvenuti kienu ffirmaw ftehiem fit-28 ta' April 2013 li kienu ser ihallsu s-somma ta' hmistax-il elf Euro (€15,000) fil-hmistax ta' Mejju 2013, rapprezentanti parti minn somma akbar, fejn saret ukoll referenza ghall-ftehiem iehor iffirmat fit-3 ta' Ottubru 2012;*

*3. Illi l-atturi sejhu diversi drabi lill-konvenuti sabiex ihallsuhom l-ammont imsemmi izda dawn baqghu inadempjenti;*

*4. Illi kien hemm ukoll kawza kriminali kontra l-konvenut li qieghed jigi hawn anness bhala Dok C, li sabitu hatja talli ma hallasx is-somma ta' sitta u tletin euro (EUR 36,000) u tat cans lill-konvenut sabiex ihallas u fil-fatt nghata sentenza sospiza, pero' dan id-dejn baqa' ma thallasx u kull ma thallas kien is-somma ta' elfejn euro (EUR 2,000) ghalhekk is-sentenza sospiza giet ikkonfermata u l-konvenut prezentament jinsab fil-fakulta' korrettiva ta' Kordin;*

*5. Illi l-ammont dovut ta' (EUR 34,000) huwa dejn cert, likwidu u dovut, u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu ghat-talba tal-atturi u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-tenur tal-Artikli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-atturi bid-dispensa tas-smiegh ghat-tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u*

*2. Tikkundanna l-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont ta' erbgha u tletin elf euro (EUR 34,000) dovuti ghar-ragunijiet premessi.*

Permezz ta' risposta prezentata fl-1 ta' Ottubru 2014, il-konvenuti wiegbu:-

*Illi primarjament l-intimata Raheem Yakoom Oroba ma hiex legittimu kontradittur f'din il-kawza stante li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejna u bejn l-atturi. Fil-fatt, il-kawza kriminali kienet diretta biss lejn l-intimat Muhsen Fadel Al Faham. L-iskrittur ta' kostituzzjoni ta' debitu kienu wkoll iffirmati minn l-intimat Al Faham biss;*

*Illi rigward it-talba ta' l-atturi fil-konfront ta' l-intimat Muhsen Fadel Al Faham din hija wahda esagerata u dan peress li fuq inkarigu ta' l-atturi u bil-qbil bejn il-partijiet huwa ghamel xoghol f'diversi postijiet minghajr hlas stante li dan kellu jitnaqqas mid-debitu tieghu;*

*Illi tramite certu Osama huwa ta wkoll lill-atturi ghaxart elef euro (€10,000) liema somma ghaddiet ghand l-atturi permezz ta' 'bank transfer';*

*Illi apparti dan huwa ma baqax ihallas dak li kien fadal peress li l-atturi bdew jaghmlu minn kollox sabiex ma jkunx jista' jahdem;*

*Illi ghalhekk l-intimat Muhsen Fadel Al Faham ma ghandux jaghti s-somma ta' erbgha u tletin elf euro (€ 34,000) imma ferm inqas;*

*Illi l-ebda interpellazzjoni ufficjali ma saret lill-intimati qabel giet nitavolata din il-kawza;*

*Ghaldaqstant ghal ragunijiet fuq esposti:*

*1. It-talba ta' l-atturi fil-konfront ta' l-intimata Raheem Yakoom Oroba ghandha tigi michuda stante li hija ma hiex legittimu kontradittur f'din il-kawza;*

*2. It-talba kontra l-intimat Muhsen Fadel Al Faham ghandha tigi michuda stante li hija wahda esagerata;*

*3. Rigward l-ispejjez l-intimati ma ghandhomx ibaghatu l-ispejjes tal-kawza.*

Wara li nstemghu l-provi u saret trattatzzjoni, il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**.

F'din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu minghand il-konvenuti s-somma ta' €34,000 li minnhom qalu li €27,000 huma dovuti lill-attur Gherbel u €9,000 lill-attur Benwur. Mill-atti jirrizulta li:

(a) Permezz ta' skrittura privata datata 3 ta' Ottubru 2012 il-konvenut obbliga ruhu li jhallas lill-atturi s-somma ta' €36,700 (fol. 25);
(b) Fid-29 ta' April 2013 sar kuntratt iehor li bih il-konvenut obbliga ruhu li mis-somma dikjarata fil-kuntratt tat-3 ta' Ottubru 2012, fil-15 ta' Mejju 2013 kien ser ihallas is-somma ta' €15,000 (fol. 6);
(c) Fis-17 ta' Settembru 2013 il-konvenut ta stqarrija lill-pulizija fejn ammetta li kien debitur tal-konvenuti fis-somma ta' €36,000, in kwantu ghal €9,000 dovuti lill-attur Benwur u €27,000 lill-attur Gherbal (fol. 33);
(d) Fit-18 ta' Settembru 2013 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat sentenza fil-kaz *Il-Pulizija vs Fadel Al Faham Muhsen* fejn sabet lill-konvenut hati li f'Mejju 2012 u x-xhur ta' wara f'Malta:-

    *"Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta' Aussama Benwur (KI nru 84107L) u ta' Mohamed Khalifa Gherbal (KI nru 71633A) liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju"*.

    F'dawk il-proceduri il-konvenut ammetta l-imputazzjonijiet.

    Il-qorti kkundannat lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' €36,000, u dan *ai termini* tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali.

Fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2014 il-konvenut iddikjara li kien ghad fadal bilanc ta' €14,000 jew €15,000 x'jithallas. Min-naha tal-atturi jsostnu li rcevew biss is-somma ta' €2,000. L-oneru tal-hlas kien fuq il-konvenut. Fil-fehma tal-qorti l-konvenut ma ressaqx provi li minn meta giet iffirmata l-iskrittura privata tad-29 ta' April 2013, ghamel il-hlasijiet li ssemmew waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2014[1]. Per ezempju l-konvenut qal li kien hallas €10,000 permezz ta' trasferiment minn bank esteru ghal Bank of Valletta plc. Ghalkemm jidher li verament sar dan it-trasferiment, pero dan kien fil-bidu ta' April 2012 (ara Dok. AA1 a fol. 60). M'huwiex kredibbli l-konvenut li l-hlas jirreferi ghal din il-vertenza, gialadarba fl-iskrittura li ffirma fid-29 ta' April 2013, cjoe' sena wara t-trasferiment tal-flus fil-kont tal-attur Benwur, gie ddikjarat li l-partijiet kienu qeghdin jikkonfermaw il-ftehim tat-3 ta' Ottubru 2012. Ftehim li fih il-konvenut ddikjara li hu debitur tal-atturi fis-somma ta' €36,700. Hemm ukoll l-istqarrija li l-konvenut ta lill-pulizija fis-17 ta' Settembru 2013 fejn iddikjara li hu debitur tal-atturi fis-somma ta' €36,000[2].

Ghal dak li jikkoncerna l-posizzjoni tal-konvenuta, cjoe' mart il-konvenut, il-qorti hi moralment konvinta li l-flus gew avvanzati lill-konvenut bhala negozju sabiex jaghmel xoghol ta' tibjid ghand terzi, u mbaghad il-qliegh jinqasam bejn il-partijiet[3]. Minflok il-konvenut uza l-flus biex ghamel negozju personali tieghu. Ghalkemm il-konvenut xehed li Benwur kien jaf li l-flus qeghdin jintuzaw ghax-xiri ta' generators, jirrizulta li:-

(a) Fil-proceduri kriminali l-konvenut ammetta li kien wettaq misapproprijazzjoni fil-konfront tal-atturi;
(b) Fl-istqarrija li ta lill-pulizija kkonferma li l-flus li tawh l-atturi ma kellhomx x'jaqsmu ma' negozju ta' xiri ta' generators[4].

Provi li jikkontradicu l-verzjoni li ta l-konvenut fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2014 (fol. 42). Jidher li l-konvenuta ma kellha x'taqsam xejn ma' dak li ghadda bejn l-atturi u l-konvenut. Mill-provi rrizulta li l-konvenut dawwar ghall-uzu tieghu l-flus li nghata mill-atturi. Il-konvenut ammetta l-akkuza. Ghalhekk id-dejn m'ghandhiex taghmel tajjeb ghalih il-

---

[1] *"Il-hlas sar permezz ta' trasferiment ta' 10,000 ewro f'account ta' wiehed mill-atturi, hlas li sar minn terz fl-interess tal-konvenut imbaghad saru xogholijiet f'Ambaxxata Libjana, flat gewwa l-Gzira u twahhlu l-airconditioner gewwa l-mosk f'Rahal Gdid, kif ukoll xogholijiet fid-dar tas-segretarja tal-Ambaxxata Libjana. Dan ix-xoghol sar fuq inkarigu tal-attur"* (fol. 35).

[2] *"M. Kemm ghandek tatihom lil dawn iz-zewg min-nies ?*
*T. €36,000. €9,000 lil Aussama u €27,000 lil Gherbal"* (fol. 33).

[3] Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2014, l-attur Benwur xehed: *"Il-ftehim taghna kien li jien u Mr Mohammed nohorgu l-flus u Fadel jahdem ix-xoghol u mbaghad naqsmu. Peress li Mr Mohammed kien l-aktar wiehed li qed johrog il-flus, l-akbar sehem hu kellu jircevieh. L-uniku flus li hadna minghand il-konvenut kienet is-somma ta' elfejn ewro li hadna meta l-konvenut tressaq il-qorti"* (fol. 46).

[4] *"T: Xtrajt generators mis-Sirja biex nibghathom l-Iraq imma dawn baqghu s-Sirja u ma rcevejtx flus taghhom.*
*M: Ara nghidlekx sew li dan sar minn wara dahar Aussama u Gherbal ghax il-ftehim li tawk il-flus ghalih kien biex inti thadem ix-xoghol ta' appalt u mhux biex tixtri l-generators ?*
*T: Iva"* (fol.33).

konvenuta, la bil-proprjeta parafernali taghha u lanqas b'sehemha mill-gid li jista' hemm fil-komunjoni tal-akkwisti (Artikolu 1327 u 1330(a) tal-Kodici Civili).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.**
2. **Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' u tletin elf ewro (€34,000), in kwantu ghal sebgha u ghoxrin elf ewro (€27,000) lill-attur Gherbel u disat elef ewro (€9,000) lill-attur Benwur, bl-imghax mit-18 ta' Settembru 2013[5].**

**Spejjez a karigu tal-konvenut, b'dan li l-atturi ghandhom jaghmlu tajjeb ghal nofs l-ispejjez tal-konvenuti**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Id-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.